ŻEBBUĠ

<u>Minuti</u> **tas-Seduta Nru. 11/07/2016**
***Kienet addottata Aġenda nru. 11/07/2016***

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 19 ta' Jannar 2016**

**Ħin: Fis-6.00 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Nicky Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier**
- **Il-Chev. Carmelo Saliba – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva**

Is-Sinjura Marija Saliba, *Chairperson* - Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn kienet assenti.

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

Il-Viċi Sindku qal jixtieq jifraħ lis-Sur Andrew Saliba, rebbieħ tal-Premju Ħaddiem tas-Sena tal-Gozo Tourism Association. Qal dan ir-rikonoxximent ifisser mhux biss unur għalih personali, iżda unur ukoll għar-raħal taż-Żebbuġ.
Qbil li tintbagħat ittra ta' awgurju lis-Sur Saliba.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 10/07/15

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 10/07/2015 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Il-Kunsillier Carmelo Saliba rrefera għall-pġ. 2 Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa bin-nru. 09/07/15 l-ewwel para. u qal minflok ‘‘il-Kunsill iddeċieda li dawn ma jsirux’’ għandu jitniżżel ‘‘il-Kunsillier Saliba rtira l-proposta tiegħu u l-Kunsill qabel’’.
Il-Kunsill qabel mal-emenda mressqa mill-Kunsillier Saliba. Saret korrezzjoni għall-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti bil-korrezzjonijiet li saru u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati kif emendati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 10/07/15

Gie deċiż li l-ħarġa ta’ Jannar issir f’ Malta nhar id-29 ta’ Jannar 2016.

## 4. KORRISPONDENZA

Din il-korrispondenza ttieħdet bħala moqrija:

Komunikat tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar seduta tal-Kunsill rekordjata fuq DVD.

Komunikat tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill għas-sena 2016.

Ittra mibgħuta mis-Segretarja tal-Kumitat EkoSkola Skola Primarja Żebbuġ dwar ir-rikonoxximent LEAF u l-proġett tal-iskola “Growing & Planting Trees’’.
Il-Kunsill qabel li flimkien mal-iskola jwettaq il-proġett propost mill-Kumitat EkoSkola ta’ tħawwil ta’ siġar. Bħala sit għall-proġett, il-Kunsill qabel li dan isir fuq biċċa art mhux żviluppata fil-limiti tas-Sagħtrija u jitħawwlu tip ta’ siġar ta’ żebbuġ selvaġġ.

Ittra mibgħuta mill-Ministeru għal Għawdex dwar l-inizzjattiva Għawdex Fidi u Tradizzjoni.
Is-Sindku qal hu personalment interessat f’ din l-inizzjattiva u grupp ta’ voluntiera mill-lokalita` jistgħu wkoll ikunu interessata.

Dwar Ftehim ġdid – Ġbir ta’ skart separat, is-Segretarja Eżekuttiva qalet li kienet bagħtet liż-żewġ skemi awtorizzati. Qalet li l-Kumpanija Green MT biss kienet bagħtet il-proposti tagħha.
Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-Kumpanija Green MT fil-presenza tal-avukat tal-Kunsill.

Ċirkulari nru. 7/2016 tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar it-tiġdid tal-polza tal-Assikurazzjoni tal-Flus għas-sena 2016.
Il-Kunsill approva t-tiġdid ta' din il-polza.

Is-Sindku ssospenda l-Aġenda biex indirizza lill-Kamra l-Perit tal-Kunsill dwar il-kwistjoni ta' Triq il-Ponta u l-egħluq taż-żewġ proġetti finanzjati mill-fondi tal-Unjoni Ewropeja.

Dwar Triq Ta' Ċenċ, il-Kunsill qabel minħabba l-periklu li hemm it-triq tingħalaq għat-traffiku u jsir *concrete gutter* fil-ġenb tat-triq għall-ilma (ix-xogħol isir bil-kuntratt tal-bankini).

Il-Kunsill approva x-xiri ta' għaxar *biros engraved* Kunsill Lokali iż-Żebbuġ mingħand Horace Enterprises.

## 5. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

**Nru. 77/2015 – is-Sur Emanuel Cini**
Biex isir traqqiegħ bil-konkos fi Triq Ta' Direk, limiti tal-Ħamra u jinbena lqugħ tat-triq fl-istess triq.
Xogħol approvat li jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

**Nru. 01/2016 – il-Kunsillier Carmelo Saliba**.
Ippropona li jitwaqqaf sotto kumitat tal-eks Kunsillieri fl ħdan il-Kunsill. Is-Sur Saliba qal biex l-eks Kunsillieri jkunu rikonoxxuta f' Kumitat.
Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Kunsillier Saliba.
Biex tiġi pubblikata l-istorja tal-lokalita` taż-Żebbuġ fi ktieb. Kien maqbul li l-Kunsill jibgħat għal Profs Horatio Vella.

**Nru. 02/2016 – is-Sur Joseph Camilleri**
Biex tinqala' mera tat-traffiku li hemm fi Triq Għajn Mhelhel faċċata ta' Triq l-Għażżiela. Is-Sindku kien se jkellem personalment lil Camilleri.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 09/2015 – DOK A għall-perijodu bejn il-11 ta' Diċembru 2015 u l-14 ta' Jannar 2016 li tammonta għal €217,916.43 kienet approvata u ffirmata.

Il-Kunsill approva ħlas ta' *performance bonus* sħiħ għas-sena 2015 ta' 10% u 6% fuq is-salarju lis-Segretarja Eżekuttiva u lill-iskrivani rispettivament.

## 7. SEJĦIET GĦALL-OFFERTI

## KISI TA' TOROQ BIT-TARMAK

Il-Viċi Sindku ppropona fid-dawl li l-Kunsill qatt ma kellu problemi mal-Kumpanija Road Construction kemm ta' xogħol u anke kwalita`, il-kuntratt tat-tarmak għandu jingħata lil Road Construction Co Ltd.
Il-Kunsill unanimament qabel li l-kuntratt tat-tarmak jingħata lil Road Construction Co Ltd.

## ĠBIR TA' SKART DOMESTIKU MĦALLAT

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li kienet intefgħet offerta waħda għall-kuntratt tal-ġbir ta' skart domestiku mħallat. Qalet l-offerta hija ta', bil-valur ta':

| | | | |
|---|---|---|---|
| Louis Attard | Yr1 | €133 kuljum | €3.50/skip |
| | Yr2 | €138 kuljum | €3.50/skip |
| | Yr3 | €144 kuljum | €3.50/skip |
| | Yr4 | €150 kuljum | €3.50/skip |

Garanzija tal-offerta valida.
Il-Kunsill aċċetta l-offerta ta' Louis Attard li kienet l-unika waħda.

## KOSTRUZZJONI TA' BANKINI FI TRIQ ULISSE BIL-*PORFIDO*

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li kienu ntefgħu żewġ offerti għall-kuntratt ta' kostruzzjoni ta' bankini fi Triq Ulisse bil-porfido. Hija qalet li l-offerti huma ta', bil-valur ta',

| | |
|---|---|
| Sammy Spiteri | €35,612.72 |
| Jason Gauci | €38,711.50 |

Garanziji tal-offerti valida.

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat ir-rapport tal-Perit dwar l-offerti mitfugħa.

Il-Kunsill iddeċieda li jitlob lill-irħas offerent l-informazzjoni teknika nieqsa.

## KISI MILL-ĠDID TA' TRIQ IL-LUZZU BIL-KONKOS

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li kienu ntefgħu tlett offerti għall-kuntratt ta' kisi mill-ġdid ta' Triq il-Luzzu bil-konkos. Hija qalet li l-offerti huma ta', bil-valur ta':

| | |
|---|---|
| Gatt Tarmac Ltd | €10,950.00 |
| Road Construction Co Ltd | €10,408.54 |
| Said Construction | €8,827.59 |

Garanziji tal-offerti valida.

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat ir-rapport tal-Perit dwar l-offerti mitfugħa.

Il-Kunsill għażel l-offerta ta' Said Construction li kienet l-irħas waħda.

## 8. KARNIVAL 2016

Il-Kunsill qabel li jorganizza attivita` tal-karnival il-Ħadd 7 ta' Frar 2016 fin-12.30pm.

Għall-attivita` tal-karnival, il-Kunsill approva:

- marċ mill-Banda Santa Marija, jitlaq minn quddiem il-każin tal-Banda sal-Pjazza
- is-sehem tal-kumpaniji taż-żfin ta' Josephine Farrugia, Għaqda Żgħażagħ Bla Kultura, Sezzjoni Żgħażagħ Soċjeta` - Filarmonika Santa Marija, Annette Portelli Said, Labonski Dance Company, The Dancing Angels u Gozo Friends Line Dancers.
- parteċipazzjoni tal-karru tal-karnival Żgħażagħ Żebbuġ - €300
- prinjolata
- li jsiru l-kompetizzjonijiet tal-kostumi u l-kukkanja (tingħata tifkira lill-parteċipanti kollha tal-kompetizzjonijiet)
- servizzi ta' gwardjani lokali
- jippreżentaw l-attivita` Diane Calleja u l-Kav. Joe M Attard.

## 9. AFFARIJIET OĦRA

Il-Kunsill approva:

- x-xiri ta' *photocopier* Xerox WorkCente 5024 - €1,150.
- x-xiri ta' *billiard table* 6ft - €399, logħob tal-*playstation* Fifa 16 u WWE 2k16 - €105 u tlett *joysticks* - €117 għall-Youth Spot.
- tiswija / bdil tal-magna tal-ilma, uffiċini tal-Kunsill.

Is-Sindku ppropona:

- bdil ta' żewġ rampi tal-garaxxijiet tar-residenza 62, Triq il-Knisja. Il-Kunsill approva li jinbidlu ż-żewġ rampi.
- tintbagħat ittra lill-Ministru għal Għawdex dwar l-istat ta' Triq iż-Żebbuġ. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-Ministru u tkun iffirmata mill-Kunsill kollu.
- titnaddaf mill-ħaxix l-*area* tal-i*skip* fi Triq ix-Xwejni. Ix-xogħol ta' tindif kien approvat li jsir minn Richard Axiaq.

Il-Viċi Sindku ppropona:

- servizz ta' trasport miż-Żebbuġ u lura għall-festa ta' San Pawl Marsalforn. Il-Kunsill approva.
- ssir tinda tal-*canvas* għall-*pitch* tal-boċċi Żebbuġ. Tintalab stima tax-xogħol lil Charlie Xuereb.
- li tinħasel bi *pressure washer* il-bankina tal-każin tal-Banda peress li l-madum rabba ċertu swied. Approvat u jsir aktar il-quddiem għall-Ġimgħa Imqaddsa.
- isir poġġaman fiż-żewġ rampi li saru fi Pjazza l-Assunta. Tintalab stima tax-xogħol lil Ġanni Aluminium.

Il-Viċi Sindku tkellem dwar ħajt tat-triq li qiegħed jiżżaqqaq fil-limiti ta' Triq il-Ponta. Is-Sindku qal issir *site visit* mill-Perit.

## 10. AĠĠORNAMENT

Is-seduta ntemmet fid-9.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna s-seduta għat-Tlieta, 16 ta' Frar 2016 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Nicky Saliba<br>Sindku

Diane Tagliaferro<br>Segretarja Eżekuttiva